## 15 ta' Marzu, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Antonio Montebello

*versus*

Giuseppe Montebello

**Spoll — Molestji — Pussess.**

*Għall-molestji "di fatto" u turbattivi materjali, bla pretensjoni ta' drittijiet, il-konduttur għandu jaġixxi "jure proprio" kontra min jimmolestah, mentri għall-molestji "di diritto" l-azzjoni tiegħu għandha tkun diretta kontra min krielu l-post, b'ex dan jipproteġieħ b'azzjoni kontra l-pretendenti. Għaldaqstant, jekk żewġ gabillotti jkunu jiddetjenu bi qbiela diversi bċejjeċ ta' raba', u huma jkunu ftehmu dwar "modus vivendi" relattivament għad-dgawdija tar-raba' u wieħed minnhom jikser dak il-"modus vivendi", l-azzjoni tal-gabillott l-ieħor biex jiġi reintegrat fid-dgawdija tar-raba' skond dak il-ftehim ta' bejniethom tikkompeti lilu "jure proprio", u huwa jista' jaġixxi direttament kontra l-gabillott l-ieħor li mmolestah f'dik id-dgawdija.*

*F'materja ta' reintegrazzjoni, il-liġi tagħna tikkuntenta b'pussess kwalunkwe; u kwindi min akkwista servitù personali favur il-fond minnu detenut derivanti minn dritt ta' obligazzjoni jista' jinvoka t-tutela tal-liġi, per mezz tal-azzjoni possessorja, kontra l-awtur ta' turbattiva li hu jsofri fil-kważi-pussess ta' dik is-servitù.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi dawn l-aħħar ġranet il-konvenut fetaħ fil-ħajt diviżorju bieb minn ġewwa kamra, jew għorfa, tiegħu għal fuq għalqa magħrufa bħala "Il-Barriera", li tinsab ma' raba' ieħor f'idejn l-instanti, u li jagħmlu mir-raba' msejjaħ "Ta' Bulebel iż-Żgħir", limiti Żejtun, li għandu aċċess minn Cospicua Road; u illi, barra minn dan, il-konvenut ikkostruwixxa speċi ta' terrazzin fuq kumulu ta' materjal li jeżisti f'din il-"Barriera" f'idejn l-instanti, b'mod illi l-bieb hekk miftuħ ikun jista' jservi ta' aċċess għal dan it-terrazzin; u illi dan il-ftuħ ta' bieb għal fuq il-

"Barriera" u kostruzzjoni ta' terrazzin ġewwa fiha saru abużivament minn naħa tal-konvenut, anzi kontra l-volontà tal-istess instanti u mingħajr ma dan kien jaf; u illi l-konvenut kien ġie avżat biex jerġa jagħmel kollox kif kien u rrifjuta; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ikkommetta spoll għad dannu tal-instanti, (1) perentorjament jiġi kundannat minn din il-Qorti biex jerġa jagħlaq bil-ġebel, b'mod permanenti, il-bieb minnu abużivament hekk miftuħ, u biex ineħħi l-ispeċi ta' terrazzin fuq il-boroġ ta' ġebel li hemm fil-"Barriera", u li jerġa jagħmel kollox fl-istat pristinu, billi jneħħi kwalunkwe sinjal ta' spoll, u dan fi żmien qasir li jiġi lilu fissat, (2) u in difett, l-istess instanti jiġi awtorizzat li jipprokura huwa stess l-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħolijiet, għall-bżonn taħt direzzjoni ta' perit, kollox a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju 1958, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi biex jirnexxi f'din l-azzjoni minnu ntentata, li hi dik ta' spoll privileġġjat, l-attur irid jipprova li għandu l-pussess tant tal-"Barriera" kemm tal-kumulu tal-materjal jew borġ indikati fiċ-ċitazzjoni, li huwa ġie spoljat mill-konvenut fl-imsemmi pussess, u li din l-azzjoni ġiet minnu dedotta fi żmien xahrejn mill-ispoll pretiż minnu;

Illi l-konvenut jeċċepixxi li l-attur ma jistgħax jeżerċita din l-azzjoni kontra tiegħu, għaliex miegħu huwa ma għandu ebda rapport ġuridiku. Din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. Hu veru li, kif jirriżulta, l-għelieqi msemmijin fiċ-ċitazzjoni jinsabu għand il-kontendenti bi qbiela, però hu magħruf li għall-molestji "di fatto" u turbattivi materjali, b'a pretensjoni ta' drittijiet, il-konduttur għandu jaġixxi "jure proprio", mentri għall-molestji "di diritto" l-azzjoni tiegħu għandha tkun diretta kontra min ikun krielu l-post, biex dan minn naħa tiegħu jipproteġieh b'azzjoni kontra l-pretendenti. Fil-każ taħt konsiderazzjoni l-attur mhux

qiegħed jippretendi molestji "di diritto", imma molestji "di fatto"; u kwindi huwa "jure proprio" għandu azzjoni kontra l-konvenut, li, kif jippretendi, qiegħed jimmolestah materjalment;

Illi jirriżulta li l-għelieqi fil-kwistjoni kienu fiż-żmien f'idejn Angelo Montebello, missier l-attur, u ħuħ Giuseppe, il-konvenut. F'Mejju 1930, dawn l-aħwa għamlu l-qasma ta' dawn l-għelieqi, bl-abitazzjoni tagħhom, permezz tal-espert agronomu Emmanuele Magro. F'dik il-qasma, il-kamra jew għorfa ta' fuq, indikata fiċ-ċitazzjoni, ġie mif-tiehem li *jżommha* l-konvenut, li *minflokha lill-ħuħ* Angelo taħ biċċa mir-raba' tiegħu. Għalhekk il-konvenut obliga ruħu li jagħlaq bil-ġebel, ċjoè jimbarra, l-apertura ta' bieb ta' din il-kamra jew għorfa li kienet tagħti fuq ir-raba' ta' ħuħ Angelo; u fil-fatt dik l-apertura ġiet murata miż-żewġ aħwa, u l-bieb tal-injam li kien jagħlaqha, bi ftehim, ħadu missier l-attur. Fil-ħajt tal-għorfa fejn kien hemm il-bieb kienet teżisti wkoll tieqa żgħira, jew rewwieħa, għolja xi għaxar pulzieri u wiesgħa xi sitt pulzieri. Taħt dan il-bieb, u adjaċenti miegħu, kien hemm, kif għadu jeżisti, kumulu ta' materjal, jew borġ, li kien jagħti aċċess għal dik il-għorfa;

F'dak il-ftehim bejn l-aħwa Borg dan il-borġ ma ssemmiex, imma minn dak iż-żmien dan il-borġ beda jagħ-mel użu minnu Angelo Montebello biss;

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jirrikonoxxi li wara dik il-qasma, tant biex jobdi lil Emmanuele Magro, kemm fuq parir tal-avukat tiegħu, il-bieb kien għalqu; huwa, però, ma jgħid xejn rigward il-borġ, għad li ma jsemmix li miż-żmien ta' dik il-qasma huwa għamel użu minnu;

Ġie sottomess li, ladarba fil-ftehim ma ssemmiex, dan il-borġ kellu jibqa' f'idejn iż-żewġ aħwa. Jiġi però rilevat li l-borġ ma kellux għalfejn jissemma f'dak il-ftehim, u hu evidenti li l-istess kellu jgħaddi għand Angelo Montebello; tant għaliex mal-qasma dik il-parti tar-raba' fejn hemm il-borġ ġiet assenjata lil dan Angelo, kemm għaliex, appe-na l-bieb tal-għorfa ġie mneħħi u l-apertura relattiva ġiet

imbarrata, il-konvenut ma kellux bżonn dak il-borġ biex jaċċedi għal dik il-għorfa; fiha huwa fetaħ apertura minn naħa l-oħra, li tħares fuq ir-raba' tiegħu. Dak il-borġ kien iservi liż-żewġ aħwa biex minnu jaċċedu għall-għalqa, meta l-għelieqi kienu f'idejhom flimkien, imma appena saret il-qasma ta' dawn iż-żewġ għelieqi, u l-bieb tal-għorfa ġie mbarrat, il-konvenut ma kellux aktar bżonn ta' dak il-borġ, għaliex għall-għorfa beda jaċċedi minn band'oħra. Jiġi wkoll osservat li, biex jista' jilħaq il-borġ, il-konvenut irid jgħaddi minn dak il-bieb; kwindi malli l-konvenut aċċetta li jagħlaq il-bieb, aċċetta li ma jħallix aktar aċċess għall-borġ;

Għalhekk ma hemmx dubju li miż-żmien meta ġie miftieħem dak il-"modus vivendi" l-hawn Angelo Montebello kellu l-pussess eskluživ tal-borġ, b'mod li jista' jżomm lill-konvenut, skond l-obligu li dan assuma, li jiftaħ il-bieb tal-kamra jew għorfa msemmija;

Illi minn ftit taż-żmien l-hawn, li ma ġiex preċiżat, imma li jirrimonta almenu għall-10 ta' Marzu 1954, skond il-"Farmers' Agricultural Census Card, 1954", li ġiet murija lill-Qorti, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-ewwel ta' Ottubru 1954, fil-pussess tal-għalqa "Il-Barriera", bil-borġ ġo fiha, minflok Angelo Montebello daħal ibnu, l-attur;

Illi ġie pruvat, kif jidher mid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet tiegħu, u lanqas ma hu kontestat mill-konvenut, li dan, f'Mejju 1958, neħħa l-ġebel mill-apertura tal-bieb ġa msemmi, u mill-borġ għamel speċi ta' terrazzina ċkejkna. Qabel, it-tieqa jew rewwieħa msemmija l-konvenut wessagħha, u għamilha f'apertura ta' xi pied u nofs kwadru. Fil-mori tal-ġudizzju, in segwitu għal rimonstranzi tal-attur, il-konvenut il-bieb għalqu, u t-tieqa saddha bi xkora; imma aktar wara l-bieb fetħu mill-ġdid u t-tieqa reġa' fetagħha. Il-konvenut jissottometti li minħabba f'hekk l-attur ma jistgħax jilmenta, għaliex mhuwiex detentur tal-borġ, u lanqas ma kellu xi mod ta' pussess iddritt li jżomm il-bieb magħluq. Dawn is-sottomissjonijiet mhumiex aċċettabbli. In kwantu għall-borġ, ġa ngħad li l-attur għandu l-pussess tal-borġ. In kwantu għall-bieb, l-

attur, li ssuċċieda lill-missieru fid-detenzjoni tal-għalqa "Il-Barriera", bil-ftehim fuq imsemmi akkwista servitù personali derivanti minn dritt ta' obligazzjoni, li l-kważi-pussess tagħha hu tutelabbli bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbattiva; għaliex il-liġi tagħna, f'materja ta' reintegrazzjoni, tikkuntenta b'pussess kwalunkwe;

Illi fid-dibattitu orali l-konvenut issottometta wkoll li ma jirriżultax li l-attur hu detentur tal-għalqa ġa msemmija, u, minflok, detentur għadu missieru Angelo Montebello, li għadu jaħdem l-istess għalqa, u l-attur hu mpjegat id-Dockyard. *Rigward daqshekk jingħad* li mid-dokumenti eżibiti mill-attur (fol. 66/74), u mix-xhieda tiegħu, jirriżulta li huwa hu d-detentur tal-għalqa. Hu veru li missier l-attur, meta jkun jiflaħ, jaħdem ukoll l-istess għalqa; imma dan ma jfisserx li d-detenzjoni tagħha hi tiegħu. Del resto, ma hemm ebda ostakolu li wieħed li jiddetjeni għalqa jaħdimha per mezz ta' ħadd ieħor;

Illi mhux kontestat li l-konvenut fetaħ il-bieb u għamel it-terrazzina fuq il-borġ kontra l-volontà tal-attur, u li din *l-azzjoni ġiet intentata fi żmien xahrejn minn meta sar* dan il-ftuħ u din il-kostruzzjoni;

Illi għalhekk l-azzjoni tal-attur hi ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevju riġett tal-eċċezzjoni tal-konvenut, tiddeċidi a tenur taż-żewġ domandi tal-attur; għall-finijiet tal-ewwel waħda tinnomina lill-Perit Victor Muscat. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut.